IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2018
COM(2018) 829 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal

RAPPORT INTERIM TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal

1. BAŻI ĠURIDIKA

Skont l-Artikolu 14(2) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal (RP), fl-2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-għan ta' dan ir-rapport interim huwa li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-regoli biex l-Iskema tal-Pensjonijiet għall-Uffiċjali tal-UE (PSEO - Pension Scheme for EU Officials) tibqa' f'bilanċ fil-perjodu 2014-2018. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 83a tar-RP u fl-Anness XII tiegħu[1].

2. KARATTERISTIĊI BAŻIĊI TAL-PSEO

2.1. Bażi Ġuridika tal-PSEO

Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal:

- Il-benefiċċji mħallsa permezz tal-iskema tal-pensjonijiet[2] jiġu ddebitati lill-baġit tal-Unjoni;
- L-Istati Membri għandhom flimkien jiggarantixxu l-pagament tal-benefiċċji; kif ukoll
- L-uffiċjali għandhom jikkontribwixxu terz tal-ispiża biex l-iskema tiġi ffinanzjata.

L-Artikolu 83a jipprevedi li l-bilanċ tal-iskema tal-pensjonijiet għandu jiġi żgurat permezz tal-età tal-irtirar u tar-rata ta' kontribuzzjoni għall-iskema. Jistipula wkoll il-proċeduri biex ir-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet tkun aġġornata ta' kull sena kif ukoll kull ħames snin.

L-Anness XII tar-RP jistabbilixxi r-regoli attwarjali għall-komputazzjoni tar-rata ta' kontribuzzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-iskema tkun f'bilanċ.

2.2. Il-prinċipju tal-fond nozzjonali (virtwali)

Il-PSEO hija fond nozzjonali (virtwali) b'benefiċċji definiti, fejn il-kontribuzzjonijiet tal-persunal jservu biex jiġu ffinanzjati l-pensjonijiet futuri tagħhom. Għalkemm fir-realtà ma hemm l-ebda fond ta' investiment, l-ammont li kien ikun inġabar minn dan il-fond jitqies li ġie investit f'bonds fit-tul tal-Istati Membri, u jiġi rifless fl-obbligazzjoni tal-pensjoni li hija rreġistrata fil-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri flimkien jiggarantixxu l-pagament tal-benefiċċji skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Peress li l-PSEO hija mfassla bħala fond nozzjonali, il-kontribuzzjonijiet tal-persunal jservu biex jiffinanzjaw l-pensjonijiet futuri ta' dawk li jikkontribwixxu. Il-kontribuzzjonijiet

[1] Skont l-Artikolu 83a tar-RP, l-Anness XII tiegħu jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex l-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO) tinżamm f'bilanċ.

[2] Il-benefiċċji li jridu jitħallsu permezz tal-PSEO huma stipulati fil-Kapitolu 3 tat-Titolu V u fl-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-benefiċċji tal-PSEO jinkludu l-pensjonijiet tal-irtirar, it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni, l-għotjiet għat-terminazzjoni tal-impjieg, il-pensjonijiet tas-superstiti u l-gratifiki tal-invaliditá.

effettivament ikopru l-ispiża tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f'sena partikolari, u bl-ebda mod ma huma marbutin man-nefqa tal-pensjonijiet ta' dik is-sena. Il-ġurisprudenza tal-UE kkonfermat li l-PSEO hija fond nozzjonali, minkejja li kkonkludiet li turi wkoll xi karatteristiċi ta' skema ta' solidarjetà[3].

Il-PSEO hija differenti mill-biċċa l-kbira tal-iskemi tal-pensjonijiet tal-Istati Membri għall-uffiċjali pubbliċi, fejn ir-rata tal-kontribuzzjoni jew tal-benefiċċji tkun aġġustata sabiex ta' kull sena jiġi żgurat bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet miġbura u n-nefqa tal-pensjonijiet. F'dawn it-tip ta' skemi, jekk ma jkunx possibbli li jintlaħaq bilanċ, id-differenza tkun koperta mill-baġit (it-taxxi).

Il-fond nozzjonali tal-PSEO huwa vvalutat ta' kull sena kif ukoll kull ħames snin, daqslikieku kien jeżisti fond reali; b'hekk tkompli tiġi ggarantita s-sostenibbiltà fit-tul tiegħu.

2.3. Il-prinċipju ta' bilanċ attwarjali

Il-bilanċ tal-PSEO b'mod regolari jiġi żgurat billi jiġu aġġoranti r-rati ta' kontribuzzjoni u, fejn rilevanti, l-età tal-irtirar.

Il-PSEO ssegwi l-prinċipju ta' bilanċ attwarjali fejn il-kontribuzzjonijiet annwali tal-persunal jridu jkopru terz tad-drittijiet miksuba matul is-sena inkwistjoni[4], u jkunu jikkorrispondu għall-pensjonijiet futuri li l-istess persunal jkun se jirċievi wara li jirtira, inklużi (b'ċerti kundizzjonijiet) il-gratifiki tal-invaliditàu l-pensjonijiet tas-superstiti u tal-orfni. Sabiex din il-komputazzjoni[5] tkun possibbli, il-kontribuzzjonijiet huma evalwati bil-valur attwali billi tintuża rata tal-imgħax (ta' skont). Għaldaqstant il-komputazzjoni hija valutazzjoni attwarjali.

Ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni hija l-mekkaniżmu li jżomm l-iskema f'bilanċ minn sena għal sena. Tiġi aġġornata awtomatikament jekk il-valutazzjoni attwarjali prevista mill-Artikolu 83a tar-Regolamenti tal-Persunal turi li dan huwa meħtieġ sabiex jiġu koperti d-drittijiet tal-pensjoni kollha miksuba f'sena partikolari. Konsegwentement, meta l-membri tal-persunal jħallsu r-rata ta' kontribuzzjoni aġġornata, jiksbu d-drittijiet tal-pensjoni għal sena partikolari, li tkun protetta mill-prinċipju tad-drittijiet miksuba.

3. IR-RIFORMA TAL-2013 TAR-RP

F'dawn l-aħħar snin, l-amministrazzjoni pubblika Ewropea għaddiet minn żewġ riformi estensivi suċċessivi. Ir-riforma tal-2013 tar-Regolamenti tal-Persunal kienet tinkludi għadd ta' miżuri li ħallew impatt fuq il-funzjonament tal-PSEO u rriżultaw fi ffrankar sinifikanti:

- iż-żieda fl-età tal-irtirar (sa 66 snin),
- it-tnaqqis fir-rata tad-dovuti tal-pensjoni (minn 1,9 % għal 1,8 %),
- l-iffriżar għal sentejn tas-salarji, il-pensjonijiet u l-benefiċċji fl-2013 u 2014, u d-deċiżjoni retroattiva sabiex jitnaqqsu sal-minimu l-aġġustamenti tas-salarji fl-2011 u

[3] Ara pereżempju l-Kawża F-105/05, *Wils vs il-Parlament*, il-punt 85, u l-Kawża T-439/09 *Purvis vs il-Parlament*, il-punt 45.

[4] L-Artikolu 83(2) tar-RP.

[5] Ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni hija kkalkulata skont il-metodu ta' "kreditu għal kull unità", kif preskritt mill-istandard internazzjonali tal-kontabilità, l-IPSAS 25 (sostitwit mill-IPSAS 39, b'effett mill-1 ta' Jannar 2018). Is-somma tal-valuri attwarjali tad-drittijiet miksuba minn membri attivi tal-persunal (imsemmija fil-prattika attwarjali bħala "l-ispiża tas-servizz") hija mqabbla mat-total annwali tas-salarji bażiċi tagħhom sabiex tiġi kkalkulata r-rata ta' kontribuzzjoni.

fl-2012[6]. Bħala riżultat tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-metodu tal-aġġornament tas-salarji, l-evoluzzjoni parallela tal-poter tal-akkwist fil-konfront tal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali ma seħħittx matul dawn is-snin,

– Tnaqqas l-avvanz fil-karriera għall-persunal AD u AST, b'aċċess limitat għall-ogħla gradi,

– Il-ħolqien ta' skala ta' salarju aktar baxxa għal impjiegi klerikali u segretarjali, u dan effettivament inaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom b'minn 13 sa 40 %,

– Żieda fil-ħin tax-xogħol għall-persunal kollu b'sagħtejn u nofs fil-ġimgħa, għal 40 siegħa, mingħajr l-ebda kumpens finanzjarju.

Barra minn hekk, ir-riforma tal-2013 tar-Regolamenti tal-Persunal introdućiet għadd ta' miżuri mfassla biex itejbu l-funzjonament tas-sistema:

– Skont l-istandards[7] ta' kontabbiltà rilevanti u l-aħjar prattiki attwarjali, li jirrikjedu perjodu ta' osservazzjonijiet tal-passat f'konformità mat-terminu stmat tal-obbligi tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg li għandhom jintużaw għar-rati tal-imgħax u għaż-żieda tas-salarji, bil-għan li jinstab bilanċ fl-iskemi tal-pensjonijiet, il-medji mobbli biex jiġu osservati r-rati tal-imgħax tal-PSEO u t-tkabbir tal-pagi ġew estiżi għal 30 sena, b'perjodu tranżitorju ta' seba' snin,

– Bil-għan li jingħelbu d-diffikultajiet bl-applikazzjoni tal-metodu ta' aġġustament fil-passat, saru dispożizzjonijiet għal metodu li jippermetti l-aġġornament annwali awtomatiku tar-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni. Għal dan il-għan, ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni hija aġġornata regolarment mingħajr l-intervent ta' att legali. Il-Kummissjoni mbagħad tippubblika r-rata aġġornata fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-finijiet informattivi,

– Ir-riforma tal-2013 tar-Regolamenti tal-Persunal stabbiliet l-età tal-irtirar bħala t-tieni fattur varjabbli għall-ibbilanċjar tas-sistema, sabiex ikunu kkunsidrati b'mod dovut il-bidliet demografiċi fil-ġejjieni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ngħatat mandat biex twettaq valutazzjoni ta' kull ħames snin dwar l-età tal-irtirar, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi li jaffettwaw l-istennija tal-għomor tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri u tal-persunal tal-UE[8]. Il-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta l-ewwel rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2019.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI TEKNIKA TAR-REGOLI TEKNIĊI SABIEX IL-PSEO JINŻAMM F'BILANĊ (2014–2018)

L-Eurostat huwa l-awtorità responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal. Huwa assistit minn espert wieħed indipendenti kkwalifikat jew

[6] L-aġġustamenti tas-salarji tnaqqsu għal 0 % u 0,8 % rispettivament fl-2011 u l-2012 skont ir-Regolamenti (UE) Nru 422/2014 u Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014.

[7] l-IPSAS 25, l-Artikoli 91 u 96.

[8] L-Artikolu 77(6) u 77(7) tar-Regolamenti tal-Persunal.

aktar, biex iwettaq il-valutazzjonijiet attwarjali tal-PSEO. Il-mistoqsijiet dwar il-metodoloġija mqajma bl-implementazzjoni tal-Anness huma ttrattati mill-Eurostat bil-koperazzjoni ta' esperti nazzjonali mill-Istati Membri, li jiltaqgħu fi grupp (il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83) mill-inqas darba fis-sena.

4.1. L-attività tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 fil-perjodu 2014-18

Fil-perjodu 2014-2018, il-grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 iltaqa' kull sena kif mitlub mir-Regolamenti tal-Persunal. Il-grupp iddiskuta u vvalida d-dokumenti dwar il-metodoloġija mfasslin mill-Eurostat.

L-Eurostat jagħmel ukoll skambju ta' informazzjoni relevanti dwar kwistjonijiet attwarjali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-ISRP (Servizz Internazzjonali għar-Remunerazzjonijiet u l-Pensjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Koordinati, inklużi l-OECD, in-NATO, l-ESA, il-Kunsill tal-Ewropa, u oħrajn), il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-Eurocontrol.

4.2. Valutazzjonijiet mill-espert indipendenti kkwalifikat

F'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Eurostat huwa megħjun minn espert indipendenti kkwalifikat għall-implementazzjoni metodoloġika u għad-definizzjoni u l-kalkolu tas-suppożizzjonijiet attwarjali li jikkorrispondu.

Wara l-eżiti ta' proċedura miftuħa għall-offerti, l-Eurostat kien assistit minn:

- EY Actuaires Conseils għall-valutazzjojnijiet tal-PSEO mill-2014 sal-2016;
- il-konsorzju ta' Agilis S.A. u Prudential Ltd., għall-valutazzjojnijiet tal-PSEO għall-2017 u l-2018.

Iż-żewġ attwarji rrivedew u vvalidaw il-metodoloġija, il-kalkoli u r-rapporti relatati mal-valutazzjoni tal-PSEO. B'mod partikolari, l-inputs għall-kalkoli, bħalma hija l-popolazzjoni tal-PSEO u suppożizzjonijiet attwarjali, ġew miftiehma ma' dawk li kienu l-esperti esterni.

Ir-rapporti ta' valutazzjoni finali mogħtija mill-Eurostat fihom ir-rakkomandazzjoni ta' dawn l-attwarji.

L-attwarji jwettqu kalkoli paralleli indipendenti tar-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni tal-PSEO u jagħtu opinjoni attwarjali, li tista' tkun jew "mhux kwalifikata" jew "kwalifikata" (din tal-aħħar isseħħ meta r-riżultati tal-attwarji jkunu differenti mir-riżultati tal-Eurostat b'aktar mil-livell limitu ta' 3 % ta' materjalità ttollerata).

Fil-każ tar-rapporti ta' valutazzjoni tal-PSEO kollha maħruġa bejn l-2014 u l-2018, l-attwarji taw opinjoni "mhux kwalifikata".

5. PARAMETRI U SUPPOŻIZZJONIJIET ATTWARJALI

5.1. Parametri statutorji

Dawn huma valuri prinċipalment marbutin mal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, inklużi r-regoli dwar il-kalkolu tal-benefiċċji tal-pensjoni.

Xi wħud minn dawn il-parametri jinbidlu skont ċerti kundizzjonijiet relatati mas-sitwazzjoni individwali ta' kull uffiċjal[9], pereż.:

- Ir-rata tad-dovuti annwali hija ta' 1,8 % għall-persunal impjegat mill-1 ta' Jannar 2014, ta' 1,9 % għal persunal impjegat bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2013 u ta' 2 % għal dawk impjegati sat-30 ta' April 2004,

- L-età tal-irtirar "normali", meta l-persunal jista' jirtira mingħajr tnaqqis fil-benefiċċji tal-pensjoni, tvarja minn 60 sa 66 sena,

- Hija prevista remunerazzjoni għall-membri tal-persunal li jibqgħu fis-servizz wara li jilħqu l-età tal-irtirar (l-inċentiv ta' Barċellona), filwaqt li japplikaw penali fil-każ ta' rtirar kmieni, qabel ma tintlaħaq l-età tal-irtirar.

It-tabella 1 tipprovdi l-lista tal-parametri statutorji prinċipali użati għall-aħħar valutazzjoni tal-pensjonijiet fl-2018.

Tabella 1 - Parametri statutorji prinċipali użati fil-valutazzjoni attwarjali fl-2018

Parametru	Valur
Sors legali	Ir-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ mill-01.01.2014
Data ta' referenza għall-popolazzjoni (l-Anness XII, l-Artikolu 1)	31.12.2017
L-età massima uffiċjali tal-irtirar (l-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal)	65 sena (awtomatikament - uffiċjali fis-servizz qabel l-01.01.2014), 66 sena (awtomatikament għall-uffiċjali ġodda) jew 67 sena (fuq talba tal-persunal) jew sa 70 sena (b'mod eċċezzjonali)
Età tal-irtirar normali (Ir-Regolamenti tal-Persunal l-Artikolu 52 u l-Artikolu 22 tal-Anness XIII)	minn 60 sa 66 sena skont is-snin ta' servizz, l-età u data tad-dħul fis-servizz
Età minima tal-irtirar (ir-Regolamenti tal-Persunal l-Artikolu 52(b), l-Artikolu 9 tal-Anness VIII, u l-Artikolu 23 tal-Anness XIII)	58 sena
Kategorija u grad għaċ-ċifra minima ta' sussistenza (l-Artikolu 6 tal-Anness VIII)	l-ewwel skala tal-grad 1
Pensjoni massima tal-irtirar (l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal)	70 % tas-salarju bażiku fid-data tal-irtirar

[9] Ara l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Ir-rata tad-dovuti annwali (l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 21 tal-Anness XIII)	1,8 % (l-uffiċjali fis-servizz mill-01.01.2014), 1,9 % (l-uffiċjali fis-servizz mill-1.05.2004), jew 2 % (l-uffiċjali fis-servizz qabel l-01.05.2004), tas-SB
Bonus għal uffiċjali fis-servizz wara l-età tal-irtirar normali (l-Artikolu 5 tal-Anness VIII u l-Artikolu 2 tal-Anness XIII)	1,5 % (l-uffiċjali l-ġodda) jew 2,5 % tas-SB, jew 5 % tal-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati fl-età ta' 60 sena, skont id-data tad-dħul fis-servizz, is-snin ta' servizz fl-01.05.2004 u l-età tal-uffiċjal nhar l-01.05.2004
Pensjoni minima tal-irtirar (l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal)	4 % taċ-ċifra minima ta' sussistenza għal kull sena ta' servizz
Il-gratifika tal-invalidità (l-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal)	70 % tas-salarju bażiku
Il-gratifika minima tal-invalidità (l-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal)	100 % taċ-ċifra minima ta' sussistenza
Pensjoni tar-riverżjoni (l-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 18 tal-Anness VIII)	60 % tal-pensjoni tal-irtirar
Pensjoni minima tar-riverżjoni (l-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 18 tal-Anness VIII)	35 % tal-aħħar salarju bażiku
Pensjoni tas-superstiti (l-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 17 tal-Anness VIII)	60 % tal-pensjoni tal-irtirar li kienet tkun pagabbli lil uffiċjal
Pensjoni minima tas-superstiti (l-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal)	35 % tal-aħħar salarju bażiku jew iċ-ċifra minima ta' sussistenza

5.2. Suppożizzjonijiet attwarjali

Dawn huma valuri li jridu jiġu previsti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u l-aħjar prattiki attwarjali komunement aċċettati.

Il-valuri ta' dawn is-suppożizzjonijiet attwarjali ġew stmati skont il-prattiki attwarjali ġenerali u bi qbil mal-esperti nazzjonali mid-dipartimenti relevanti tal-Istati Membri waqt laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Grupp ta' Ħidma, uħud minn dawn is-suppożizzjonijiet (pereż. it-tabella ta' mortalità) jiġu aġġornati biss fl-okkażjoni tal-valutazzjoni tal-iskema li ssir kull ħames snin, filwaqt li oħrajn jiġu aġġornati ta' kull sena. L-aħħar valutazzjoni ta' kull ħames snin saret fl-2018.

5.3. Suppożizzjonijiet demografiċi

Suppożizzjonijiet attwarjali demografiċi ewlenin huma kif ġej:

- It-tabelli ta' mortalità: It-tabella tal-Ħajja tal-UE għall-2018 (EULT - EU Life Table), żviluppata mill-Eurostat, hija tabella prospettiva li tinkorpora xejra ta' stennija tal-għomor fuq perjodu ta' 20 sena (l-istess medda ta' żmien bħat-tul ta' żmien tal-PSEO) abbażi tal-evoluzzjoni tal-mortalità tal-popolazzjoni tal-PSEO. L-EULT tal-2018 hija għaldaqstant tabella tal-ħajja mibnija fuq popolazzjoni li hija għal kollox rilevanti għall-PSEO.

It-tabella 2 hija misluta mill-EULT.

Età	Irġiel		Nisa	
	Il-probabbiltà li persuna tmut fl-età ta'	Stennija tal-għomor	Il-probabbiltà li persuna tmut fl-età ta' x	Stennija tal-għomor
40	0.00052220	44	0.00040251	47
45	0.00089611	39	0.00069129	42
50	0.00151059	35	0.00118716	37
55	0.00254589	30	0.00203834	32
60	0.00428923	25	0.00349874	27
65	0.00691083	21	0.00600232	23
70	0.01268196	17	0.00923173	19
75	0.02321581	13	0.01561910	15
80	0.04230976	10	0.02977824	11
85	0.07648061	7	0.05640000	8
90	0.13322851	5	0.10771240	5

- It-tabelli dwar l-invaliditá, żviluppati mill-Eurostat, huma abbażi ta' osservazzjonijiet tal-passat,

- L-età preżunta tal-irtirar; skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa preżunt li l-irtirar se jseħħ b'rata medja fissa li tvarja abbażi tad-data tad-dħul fis-servizz ta' kull membru tal-persunal,

- Il-probabbiltà li persuna tkun miżżewġa fid-data tal-irtirar,

- Il-koeffiċjenti għal orfni u konjuġi divorzjati, eċċ.

It-Tabella 3 tipprovdi l-lista tas-suppożizzjonijiet demografiċi użati għall-aħħar valutazzjoni tal-pensjonijiet fl-2018.

Tabella 3 - Suppożizzjonijiet demografiċi użati għall-valutazzjoni attwarjali fl-2018

Suppożizzjonijiet demografiċi	31/12/2017
Tabella tal-ħajja (membri b'saħħithom)	2018 EULT
Tabella tal-ħajja (membri b'diżabilità)	2018 EULT+3 snin
Tabella tal-Invaliditá	Tabella tal-Invaliditá għall-2018
Stat Ċivili Attwali	Stat ċivili attwali
Il-probabbiltà li persuna tkun miżżewġa fid-data tal-irtirar, għall-irġiel	82 %
Il-probabbiltà li persuna tkun miżżewġa fid-data tal-irtirar, għan-nisa	52 %
Differenza medja fl-età bejn uffiċjal u s-sieħeb / s-sieħba tiegħu	Sena (1)
Età preżunta tal-irtirar	minn 63 sena sa 66 sena
Fatturat	Fatturat għall-2018

5.4. Suppożizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi

Skont l-Artikoli 10 u 11 tal-Anness XII tar-RP, ir-Rata ta' Skont Reali (RDR - (Real Discount Rate) - ir-rati tal-imgħax tad-dejn pubbliku fuq terminu twil tal-Istati Membri) u t-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju (GSG - (General Salary Growth) - ir-rata ta' bidla annwali fl-iskali tas-salarji) huma kkalkulati bħala l-medja mobbli tar-rati korrespondenti fuq it-30 sena preċedenti. Madankollu, sal-2020, skont l-Artikolu 11a tal-Anness XII, il-medja mobbli għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' skala speċifika ta' żmien.

Fl-2018, l-RDR u l-GSG ġew ikkalkulati bħala l-medja tar-rati relevanti għall-24 sena preċedenti, mill-1994 sal-2017: bħala riżultat, fl-aġġornament tal-2018 il-valuri tal-RDR u tal-GSG kienu rispettivament 2,9 % u - 0,1 %.

Suppożizzjoni ekonomika importanti oħra hija t-tabella tal-ISP (l-avvanz individwali tas-salarji (individual salary progression)) li tirreferi għaż-żieda fis-salarji li tirrifletti l-avvanz fil-karriera tal-uffiċjali tal-UE (jiġifieri l-promozzjonijiet u l-iskali ta' senjorità). Bid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, l-avvanz fil-karriera tal-uffiċjali tal-UE evolva, u r-rabta bejn il-grad u l-funzjoni ssaħħet; l-aċċess għall-ogħla gradi fil-gruppi ta' funzjonijiet AD u AST issa huwa limitat b'ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, tnieda l-grupp ta' funzjonijiet AST/SC.

It-tabella 4 tipprovdi l-lista tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji użati għall-aħħar valutazzjoni tal-pensjonijiet fl-2018.

Tabella 4 - Suppożizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji użati għall-valutazzjoni attwarjali fl-2018

Suppożizzjonijiet Finanzjarji	31/12/2017
Tabella tas-salarji	Fis-seħħ mill-01.07.2017
Tul ta' żmien	20 sena
Rata ta’ Skont Nominali (NDR - Nominal Discount Rate)	4,8 %
Rata tal-inflazzjoni (IR - Inflation Rate)	1,8 %
Rata ta’ Skont Reali (RDR - Real Discount Rate)	2,9 %
Tkabbir Ġenerali fis-Salarju (GSG)	-0,1 %
Rivalutazzjoni Ġenerali tal-Pensjonijiet (GPR - General Pension Revaluation) (ekwivalenti għall-GSG)	-0,1 %
Avvanz Individwali tas-Salarji (ISP)	Tabella tal-ISP għall-2018
Koeffiċjent għall-pensjonijiet tal-orfni u tal-konjuġi divorzjati	13 %
Koeffiċjenti ta’ korrezzjoni (l-Art. 3(5) tal-Anness XI u l-Art. 20 tal-Anness XIII)	0.0 %

6. IR-RIŻULTATI: EVOLUZZJONI TAR-RATA TA’ KONTRIBUZZJONI TAL-PENSJONI

6.1. Valutazzjonijiet tal-pensjonijiet bejn l-2014 u l-2018

Matul il-perjodu 2014-2018, sabiex jiġi ggarantit il-bilanċ tal-iskema, ir-rata ta’ kontribuzzjoni tal-pensjoni ġiet ikkalkulata bħala terz tal-proporzjon bejn it-total tal-ispiża tas-servizz u t-total tas-salarji bażiċi annwali, f’konformità mal-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-tabella 5 tipprovdi r-riżultati ta’ kull valutazzjoni sa mill-2014.

Tabella 5 – Kontribuzzjoni tal-Pensjoni skont is-sena bejn l-2014 u l-2018

Entrati	Valutazzjonijiet tal-pensjonijiet				
	2014	2015	2016	2017	2018
	Data ta' referenza				
	31-12-2013	31-12-2014	31-12-2015	31-12-2016	31-12-2017
Spiża tas-servizz għall-irtirar	28,3 %	28,2 %	27,2 %	27,1 %	27,4 %
Spiża tas-servizz għall-invalidità	1,3 %	1,3 %	1,3 %	1,3 %	1,7 %
Spiża tas-servizz għall-mewt	0,9 %	0,9 %	1,0 %	0,9 %	0,9 %
Proporzjon tal-ispiża tas-servizz / SB	**30,4 %**	**30,5 %**	**29,5 %**	**29,3 %**	**30,0 %**

Ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-uffiċjali (wieħed minn tlieta tal-proporzjon totali)	**10,1 %**	**10,2 %**	**9,8 %**	**9,8 %**	**10,0 %**
Ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-uffiċjali applikata	**10,1 %**	**10,1 %**	**9,80 %**	**9,80 %**	**10,0 %**

6.2. Riżultati tal-aħħar valutazzjoni tal-pensjonijiet

Il-valutazzjoni attwarjali tal-2018 tal-PSEO tindika li, sabiex jiġi żgurat il-bilanċ ta' din l-iskema tal-pensjonijiet, ir-rata ta' kontribuzzjoni neċessarja sabiex jiġu ffinanzjatai terz tal-benefiċċji pagabbli hija ta' 10,0 % tas-salarju bażiku (jew tal-gratifika tal-invaliditá).

Ir-rata ta' kontribuzzjoni kkalkulata indikata hawn fuq (10 %) hija terz tal-proporzjon bejn it-total tal-ispiża tas-servizz (EUR 1 424,8 miljun) u t-total tas-salarji bażiċi annwali (EUR 4 749,2 miljun). Din ir-rata hija *ogħla* (+ 0,2 %) minn dik ikkalkulata fl-2017 (9,8 %).

Skont l-Artikolu 83a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, iċ-ċifra ta' riferiment stabbilita fl-Artikolu 83(2) għandha tiġi aġġornata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rata aġġornata li tirriżulta tal-kontribuzzjoni (10,0 %) fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għal finijiet ta' informazzjoni.

L-aġġornament għandu jidħol fis-seħħ fl-istess ħin tal-aġġornament annwali tar-remunerazzjoni skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri jkollu effett retroattiv fl-1 ta' Lulju 2018.

7. BILANĊ TAL-ISKEMA TAL-PENSJONIJIET

Kif spjegat fil-parti 2.3 ta' dan ir-rapport, il-PSEO tkun f'bilanċ jekk il-kontribuzzjonijiet annwali mħallsa mill-persunal ikopru terz tad-drittijiet miksuba matul is-sena, jiġifieri, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward ta' pensjoni tal-irtirar, 1,8 %, 1,9 % jew 2 % tal-aħħar salarju bażiku qabel l-irtirar. Minħabba li r-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni hija kkalkulata biex tiggarantixxi li l-iskema tkun f'bilanċ, l-iskema tkun f'bilanċ meta tiġi applikata r-rata kalkulata.

Matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport, abbażi tar-rata kkalkulata ta' kontribuzzjoni tal-Eurostat, ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjonijiet ġiet aġġornata wara li ġew ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal:


- l-Artikolu 2(1) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, (kwalunkwe aġġornament ma jistax iwassal għal kontribuzzjoni li tkun aktar minn punt perċentwali 'il fuq jew 'l isfel mir-rata valida tas-sena preċedenti);

- l-Artikolu 2(2) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal (id-differenza stabbilita bejn l-aġġornament tar-rata ta' kontribuzzjoni li kieku kienet tirriżulta mill-kalkolu attwarjali u l-aġġornament li jirriżulta mill-varjazzjoni msemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1, ma għandhiex tiġi rkuprata fl-ebda waqt, jew, bħala konsegwenza, tiġi kkunsidrata f'kalkoli attwarjali sussegwenti);

– l-Artikolu 83a(4) tar-Regolamenti tal-Persunal (fl-okkażjoni tal-aġġornamenti ta' kull sena tal-valutazzjoni attwarjali ta' kull ħames snin, ir-rata ta' kontribuzzjoni għandha tiġi aġġornata biss jekk ikun hemm differenza ta' mill-inqas 0,25 punt bejn ir-rata ta' kontribuzzjoni attwalment applikata u r-rata meħtieġa sabiex jinżamm il-bilanċ attwarjali. Dan il-limitu ma japplikax fl-okkażjoni tal-valutazzjoni ta' kull ħames snin, bħall-valutazzjoni tal-2018).

Il-graff 1 tiġbor fil-qosor ir-rati ta' kontribuzzjoni kkalkulati u applikati.

Graff 1 – Sommarju tar-rati ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni kkalkulati u applikati



Iċ-ċart turi li r-rata ta' kontribuzzjoni applikata għall-pensjoni kienet ferm viċin għal dik ikkalkulata mill-Eurostat. Għandu jiġi nnutat li differenzi żgħar bejn ir-rati dovuti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tar-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi; dawn id-differenzi għandhom it-tendenza li jikkanċellaw lil xulxin fuq terminu ta' żmien twil.

Għaldaqstant, il-metodu laħaq l-għan speċifiku tiegħu li jiggarantixxi li l-kontribuzzjoni tal-pensjoni mħallsa mill-persunal għall-baġit tkopri terz tal-ispiża skont l-iskema tal-pensjonijiet, kif speċifikat fl-Artikolu 1(1) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, u, għalhekk, l-iskema tal-PSEO tinsab f'bilanċ attwarjali.

8. L-IMPATT BAĠITARJU TAL-PSEO

Fl-1960 il-Kunsill iddeċieda li l-kontribuzzjonijiet tal-persunal ma jitwarrbux f'fond tal-pensjoni reali, iżda minflok ikunu kkreditati lill-baġit tal-UE fil-mument meta dawn jinġabru u jintefqu skont id-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja, jiġifieri ma jkunux assenjati għal xi qasam

ta' politika partikolari. Fl-istess ħin, il-Kunsill iddeċieda li s-sehem mill-kontribuzzjoni tal-impjegatur ma jinġabarx. Minflok, l-istituzzjonijiet tal-UE ħadu l-impenn li jħallsu l-benefiċċji tal-pensjonijiet futuri (li għandhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni) meta l-impjegati jirtiraw.

Għaldaqstant, f'termini baġitarji, l-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni ħolqot dħul nett fil-passat, peress li għadha ma mmaturatx, jiġifieri l-kontribuzzjonijiet minn persunal attiv li jakkwista d-drittijiet għal pensjoni kienu ogħla mill-benefiċċji li jittieħdu minn għadd limitat ta' persuni rtirati. Id-dħul mill-iskema tal-pensjonijiet kien magħmul minn kontribuzzjonijiet tal-persunal u tal-impjegaturi; ta' dawn tal-aħħar ma tħallsux f'fond, iżda ġew riflessi biss bħala obbligazzjoni tal-pensjoni. B'dan il-mod, **il-baġit tal-UE kien effettivament qed jissellef il-flus mingħand il-membri fl-iskema bil-garanzija li fil-futur jitħallsu l-benefiċċji**.


Minħabba t-tkabbir tal-UE u l-forza tax-xogħol tagħha sa mill-ħolqien tal-iskema tal-pensjonijiet fis-snin sittin, l-għadd nett ta' pensjonanti (id-differenza bejn l-għadd ta' persunal li qed jirtira u l-pensjonanti li jmutu) żdied, u se jkompli jiżdied tul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP). Għalkemm fuq medda twila ta' żmien in-nefqa tal-pensjonijiet se titnaqqas b'mod sostanzjali bis-saħħa ta' riformi suċċessivi, dawn ir-riformi kienu suġġetti għal dispożizzjonijiet tranżitorji minħabba li d-drittijiet tal-pensjoni huma protetti abbażi tal-prinċipju tad-drittijiet miksuba. Għaldaqstant, **l-effetti baġitarji tar-riforma fuq in-nefqa tal-pensjonijiet jidhru biss b'mod progressiv matul iż-żmien**. Bħala konsegwenza, minħabba n-nuqqas ta' maturità tal-PSEO, it-tendenza ta' żieda fin-nefqa tal-pensjonijiet mistennija tkompli sa madwar l-2040.

It-tfaddil konsiderevoli għall-pensjoni li se jinħoloq permezz tar-riforma (ara l-Graff 2) kien ikkonfermat fl-2016 permezz ta' studju tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji tal-ispejjeż tal-pensjoni fuq terminu twil[10]. Dan l-istudju ġie milqugħ mill-Istati Membri bħala valutazzjoni oġġettiva u realistika tas-sitwazzjoni. L-Eurostat sab li r-riforma tal-2013 **se tnaqqas il-kont tal-pensjonijiet fuq terminu twil b'madwar 30 %**, apparti l-iffrankar minn tibdil preċedenti tal-iskema tal-pensjonijiet fl-2004. Wara dan l-istudju tal-Eurostat, diversi Stati Membri enfasizzaw l-importanza tad-dispożizzjonijiet tal-pensjoni biex jiġi garantit li l-UE tibqa' istituzzjoni li tattira applikanti mill-Istati Membri kollha, speċjalment dawk bi dħul *per capita* relattivament għoli.

Barra minn hekk, żewġ riformi estensivi suċċessivi tar-Regolamenti tal-Persunal ġew implimentati f'perjodu qasir ħafna (jiġifieri fl-2004 u fl-2014), li imponew ukoll in-neċessità legali li jiġu introdotti **miżuri tranżizzjonali** fl-implimentazzjoni tagħhom, li jikkonċernaw partijiet kbar tal-persunal li attwalment huma fis-servizz. Minbarra dawn ir-restrizzjonijiet legali, bidliet oħra fir-regoli eżistenti f'dan il-waqt jkomplu jheddu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-benefiċċji tal-pensjoni. Dan x'aktarx ikompli jostakola l-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex jindirizzaw l-iżbilanċi ġeografiċi sinifikanti li ġew osservati.

Graff 2 – L-Evoluzzjoni tal-ispejjeż tal-pensjoni fuq terminu twil (iċ-ċifri f'miljuni ta' EUR bi prezzijiet kostanti) skont l-istudju tal-Eurostat tal-2016

[10] SWD(2016) 268



9. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal mill-Kummissjoni żgurat l-istabbiltà tal-PSEO u l-bilanċ tal-fond nozzjonali, filwaqt li r-riformi fir-Regolamenti tal-Persunal tal-2004 u l-2013 qed jiġu implimentati b'suċċess, u dan jippermetti żieda gradwali fl-iffrankar annwali.

Fid-dawl ta' li ntqal hawn fuq, l-applikazzjoni tal-Anness XII mar-Regolamenti tal-Persunal ssodisfat l-għan speċifiku tiegħu li jiggarantixxi li l-PSEO tkun f'bilanċ, peress li l-kontribuzzjoni tal-pensjoni mħallsa mill-persunal għall-baġit tkopri terz tad-drittijiet miksuba kull sena minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

– ir-rata ta' kontribuzzjoni kkalkulata mill-Eurostat kopriet terz tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f'din is-sena;

– ir-rata ta' kontribuzzjoni kkalkulata ġiet ivvalidata minn esperti nazzjonali u esperti indipendenti kkwalifikati;

– ir-rata ta' kontribuzzjoni applikata kienet ferm qrib ta' dik ikkalkulata;

– differenzi żgħar bejn ir-rati kkalkulati u r-rati applikati kienu dovuti minħabba dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal. Peress li dawn id-differenzi jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi, għandhom it-tendenza li jikkanċellaw lil xulxin fuq terminu ta' żmien twil.

Il-koleġiżlaturi ddeċidew li dan ir-rapport jenħtieġ li jiffoka fuq il-bilanċ attwarjali tal-2014-2018 tal-iskema tal-pensjonijiet, u mhux fuq l-evoluzzjoni futura tan-nefqa tal-pensjonijiet. Min-naħa l-oħra, ta' min isemmi li l-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-QFP li jmiss, ppreżentat n-nefqa mistennija għall-perjodu 2021 – 2027 li kienet imsejsa b'mod partikolari fuq it-tkabbir annwali tan-nefqa tal-pensjonijiet kif ippreżentata fil-parti 8. F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni ntrabtet ukoll li tirrifletti dwar il-fattibbiltà li jinħoloq fond għall-pensjonijiet għall-persunal tal-UE msejjes fuq il-kapital, fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP fl-2023.